**21 ta' Jannar, 1993**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Joseph Mary Vella *et*

*versus*

Kummissarju tal-Pulizija *et*

**Kostituzzjoni – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Arrest Illegali – Tortura – Trattament Inuman jew Degredanti – Sentenza – Nullità – Okkju – Żball – Kopja Awtentika – Xhieda – Nuqqas ta' Smigħ – Appell – Nullità ta'**

*Kawża dwar arrest illegali u tortura. L-intimati appellaw mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Il-Qorti Kostituzzjonali rrevokat u rrinunzjat għas-smigħ tax-xhieda ta' l-intimati.*

*Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet iddeċidiet il-kawża wara digriet f'liema billi l-intimati kienu naqsu li jġibu l-provi tagħhom, kienet ħalliet il-kawża għas-sentenza. L-intimati kienu appellaw quddiem il-Qorti ta' l-Appell minn dak id-digriet u l-appell tagħhom kien ġie ritenut null għax mhux ta' kompetenza ta' dik il-Qorti. L-intimati, ad esklużjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, issa appellaw mis-sentenza tal-Prim'Awla.*

*Il-Qorti rriteniet mhux fondat l-aggravju ta' l-appellanti li s-sentenza kienet nulla għax l-okkju kien riportat ħażin. Il-verżjoni tas-sentenza li kienet torbot kienet dik awtentika wara li ġiet ikkollazzjonata. F'dik is-sentenza ma kien hemm l-ebda żball. Inoltre osservat li l-appell tagħhom preċedenti li l-ebda mod ma kien iwaqqafhom milli jappellaw mis-sentenza kollha inkluż id-digriet billi dak l-appell kien ġie ddikjarat null.*

*Il-Qorti deħrilha li fiċ-ċirkostanzi tal-każ kellha tippermetti lill-intimati jagħtu x-xiehda tagħhom.*

1. Din il-kawża nfteħet b'rikors quddiem il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, li fih ir-rikorrenti esponew illi:

(a) fit-28 ta' Novembru, 1983, huma ġew arrestati u (b) fil-jumejn sussegwenti, fid-Depot tal-Pulizija, il-Furjana, ġew ittorturati bl-aktar mod krudil mill-intimati; ġew imsawtin bla

ħniena u bla waqfien għal sigħat sħaħ, bis-sieq, bl-idejn, b'siġġijiet u njamiet, b'nerv, b'mod li ġisimhom tgħatta, kollu tbenġil u grif; (ċ) Francis Vella qalgħulu spallejh u kisrulu żewġ kustilji u wara li tħalla għal sigħat twal fl-uġiegħ qabel ma ttieħed l-isptar mill-Pulizija; (d) saru minaċċji serji biex huma jiffirmaw konfessjonijiet; (e) għalkemm huma bagħtu ċ-ċertifikati mediċi lill-Kummissarju tal-Pulizija u talbuh li jieħu l-passi neċessarji skond il-liġi, dan baqa' m'għamel xejn;

B'dawn il-misfatti r-rikorrenti ġew assoġġettati għal trattament inuman u degradanti kontra dak li huwa lilhom garantit mill-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u għalhekk talbu lill-Qorti biex tiddikjara l-intimati ħatja ta' dak it-trattament inuman u degradanti bi vjolazzjoni ta' l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u għalhekk biex toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa;

2. Ir-risposta ta' l-intimati – li tinsab a fol. 46 ta' l-inkartament – tgħid illi l-allegat m'huwiex minnu u li fi kwalunkwe każ billi m'hemm ebda allegazzjoni kontra l-Kummissarju tal-Pulizija, dan m'għandux x'jirrispondi;

3. Fit-18 ta' Ottubru, 1991, dik il-Qorti ddeċidiet il-kawża billi (a) iddikjarat l-intimati li assoġġettaw lir-rikorrenti għal trattament inuman u degredanti; (b) iddikjarat li l-konfessjonijiet magħmulin mir-rikorrenti waqt l-investigazzjonijiet huma nulli u bla effett u (ċ) illikwidat kumpens ta' sitt elef lira (Lm6000) għal kull wieħed mir-rikorrenti li għandu jitħallas solidalment mill-intimati u ċjoè favur Joseph Mary Vella mill-intimati kollha; favur George Vella mill-intimati kollha, barra David Stubbings u favur Francis Vella, l-intimati kollha barra Joseph Picco;

4. Is-sentenza ta' din il-Qorti hija llimitata għas-soluzzjoni ta' tnejn, mid-diversi aggravji avvanzati fl-appell interpost mill-intimati kollha barra l-Kummissarju tal-Pulizija;

5. L-ewwel pretensjoni hija li s-sentenza tal-Qorti ta' l-ewwel grad hija nulla għaliex fl-*"occhio"* tagħha ma kinux indikati l-partijiet kollha in kawża;

Għandu jingħad li meta l-atti tal-kawża ġew quddiem din il-Qorti, fosthom ma kienx hemm kopja awtentikament ikkollazzjonata tas-sentenza – tant li din il-Qorti ħarġet immedjatament l-ordinanza opportuna lill-Aġent Reġistratur;

Jidher illi meta l-intimati ngħataw kopja **informi** tas-sentenza mir-Reġistru ta' dawn il-Qrati, f'din il-kopja l-kliem "l-Ispettur Joseph Picco" kienu nieqsa. Is-sentenza ġiet ikkollazzjonata mill-Imħallef li ppronunzjaha, fit-18 ta' Novembru, 1991, mentri r-rikors ta' Appell kien ġie ppreżentat fid-29 ta' Ottubru, 1991. Fil-verżjoni kkollazzjonata l-*"occhio"* huwa integru;

6. Din il-Qorti kellha riċentement, l-okkażjoni, fil-kawża deċiża fl-14 ta' Jannar, 1993, fl-ismijiet Perit Joseph Mallia *vs* Segretarju Parlamentari għall-Ambjent *et* – li tikkunsidra din il-kwalità ta' eċċezzjoni ta' nullità ta' sentenza, u għaliha huwa utli li ssir riferenza. Il-Qorti jidhrilha illi, bħala regola, hija l-kopja kkollazzjonata tas-sentenza li għandha tittieħed bħala l-kopja awtentika tagħha. Huwa veru li, sfortunatament, ħafna darbi kopja awtentika, ma tkunx għad-disposizzjoni ta' partijiet fiż-żmien operattiv li fih huma jkunu jridu jappellaw. B'dan kollu, dan in-nuqqas m'huwiex se jippreġudika kwalunkwe dritt ta' l-appellanti li jista' jirriżulta biss mill-kopja awtentika

tas-sentenza;

7. Il-liġi tirregola l-materja affini għal din il-kwistjoni, fl-artikoli 216 sa 220 tal-Kap. 12. L-artikolu 216 jgħid li:

"Is-sentenza għandha **tingħata** mill-Imħallef...";

L-artikolu 218, imbagħad jispeċifika:

"Fis-sentenza għandhom qabel xejn jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha, u għandu jkun hemm fiha wkoll dik il-parti tat-talba u tat-tweġiba, li l-Qorti jidhrilha li hija biżżejjed biex sentenza tkun tiftiehem";

Finalment, l-artikolu 220 jgħid:

"Ir-reġistratur, wara li tingħata s-sentenza, għandu **jirreġistra d-deċiżjoni flimkien** mar-raġunijiet tagħha **kif mogħtija** mill-Qorti";

Għalkemm il-verb "jagħti – agħti" ma jindikax preċiżament kif għandha "tingħata" sentenza, u billi l-artikolu 220 jgħid li s-sentenza għandu jirreġistraha r-reġistratur, dan donnu jindika li sentenza mhux neċessarjament "tingħata" bil-miktub billi din il-forma għandha tiġi addottata mir-reġistratur, liema forma skritta għandha ssegwi l-ordni tas-sentenza "kif mogħtija mill-Qorti";

B'danakollu, kif inhuwa risaput, il-prattika f'dawn il-Qrati hija li l-imħallef "jagħti" s-sentenza, bħala regola, billi "jippronunzja" almenu d-dispositiv tas-sentenza, u ġeneralment "jaqrah, *viva voce*";

U tabilħaqq, dan li trid il-liġi, għaliex dik li "għandha tingħata" ta' l-artikolu 216 hija t-traduzzjoni tal-verżjoni oriġinali bit-taljan ta' l-artikolu 242 ta' l-Ordinanza IV ta' l-1854:

*"dev'essere **proferita**"* fejn *"proferire"* tfisser *"pronunziare le parole spiccandole bene"*;

8. Għalhekk fis-sistema tagħna s-sentenza għandha tiġi ppronunzjata u **wara**, għandha tiġi **rreġistrata**, u huwa manifest illi f'sistema bħal din hija l-verżjoni rreġistrata tal-forma verbali li għandha tipprevali f'kull kontroversja li tista' tinqala' rigward il-kontenut preċiż tas-sentenza li tkun ġiet ippronunzjata. U dik ir-reġistrazzjoni tar-Reġistratur issir u tiġi minnu attestata wara li l-kontenut ikun ġie kkollazzjonat mill-imħallef li jkun ippronunzja s-sentenza. U l-kollazzjonar huwa preċiżament dak l-eżerċizzju ta' riskontru u konfront bejn l-oriġinal ta' l-imaħllef u l-verżjoni proposta għar-reġistrazzjoni mir-reġistratur;

9. Għalhekk l-ewwel lament fuq id-difett fl-*"occhio"* tal-kopja informi tas-sentenza, ma jistax jiġi milqugħ, billi s-sentenza awtentika tal-Qorti hija dik li tiġi rreġistrata mir-Reġistratur kif ikkollazzjonata mill-Imħallef;

10. Fit-13 ta' April, 1989, waqt il-proċediment quddiem l-ewwel Qorti l-avukat dottor Joseph Brincat għall-intimati, barra l-Kummissarju tal-Pulizija, talab biex jingħata sat-Tnejn ta' wara – jiġifieri tlett ijiem – żmien biex jippreżenta l-provi ta' l-intimati b'affidavits *(sic)* billi dawn kienu diġà ġew abbozzati;

Ir-rikorrenti opponew it-talba għaliex fis-seduta preċedenti l-istess intimati kienu obbligaw irwieħhom li sa l-aħħar ta' Marzu kellhom jipproduċu l-provi kollha tagħhom permezz ta' affidavit.

Dan kien fit-28 ta' Frar, 1989;

Il-Qorti ċaħdet it-talba billi l-intimati kienu diġà obbligaw ruħhom li jagħmlu l-provi kemm fid-19 ta' Jannar, 1989, kif ukoll fit-28 ta' Frar, 1989, imma m'għamlu xejn;

11. L-intimati appellaw dan id-digriet ta' ċaħda tat-13 ta' April, però indirizzaw ruħhom lill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell flok lejn din il-Qorti Kostituzzjonali u konsegwentement dak l-appell ġie ddikjarat irritu u null;

12. Ir-rikorrenti, issa, għalhekk, billi l-intimati qegħdin jerġgħu jitolbu lil din il-Qorti biex tirrevoka d-digriet u b'hekk tippermettilhom jixhdu – qegħdin jobbjettaw, illi din it-talba ma tistax issir għaliex il-kwistjoni diġà ġiet deċiża u għaddiet in ġudikat;

13. Din is-sottomissjoni tar-rikorrenti mhix però aċċettabbli għaliex dak li għamlu l-intimati kontra d-digriet, irriżulta rritwali u għalhekk bħallikieku ma sarx u la ma sarx appell validu minn dak id-digriet interlokutorju, l-appell preżenti jinvolvi l-appell kontra dak id-digriet ukoll;

14. L-intimati ġiebu ruħhom b'mod irresponsabbli, abbużiv u **dispreġġjattiv** fil-konfront tal-Qorti u b'mod vessatorju għar-rikorrenti, meta għal żewġ seduti tal-Qorti li fihom kellhom jipproduċu l-provi tagħhom naqsu li jagħmlu dak li ppromettew li jagħmlu. Id-digriet ta' ċaħda kien iġġustifikat. Sussegwentement, huma kellhom jerġgħu jirrikorru għat-tielet difensur tagħhom;

B'danakollu, f'każ ta' portata hekk gravi minnu nnifsu u

finanzjarjament pjuttost gravuż għall-intimati, din il-Qorti tħoss li jkun fl-interess tal-Ġustizzja jekk l-intimati jingħataw l-aħħar opportunità biex jixhdu;

Dak li se jingħad huwa wkoll paradossali, imma xorta waħda validu. Il-proċeduri fuq allegazzjonijiet ta' vjolazzjonijiet ta' drittijiet fundamentali għandhom isiru b'ċelerita anki aktar minn dik tal-kawżi ordinarji, għaliex huwa raġonevolment preżunt li dawk il-vjolazzjonijiet ma jistgħux jittolleraw dewmien;

Issa fil-każ preżenti, ir-rikorrenti sofrew l-allegati vjolazzjonijiet ta' natura serja u gravi f'Novembru 1983, imma b'danakollu pproċedew bir-rikors promotur fil-15 ta' Lulju, 1986, sentejn u tmien xhur wara. Huma akkwiexxew u ppermettew, fil-proċediment li, per eżempju, fis-**27 ta' Novembru, 1987** isir differiment hekk:

''Peress li l-Qorti okkupata fl-Appell il-kawża tibqa' għad-9 ta' Marzu, 1988'';

L-intimati appellanti, da parti tagħhom, fil-15 ta' Ġunju, 1987, ġew abbandonati mill-avukat difensur li kellhom sa dak inhar u l-ewwel indikazzjoni, mill-proċess, li kellhom difesur ieħor, jidher mill-verbal tad-9 ta' Marzu, 1988;

Minn dawn l-indikazzjonijiet kollha, din il-Qorti ffurmat il-konvinzjoni illi avolja huma l-appellanti li l-aktar li kkontribwew għal dak li ġara billi però n-nuqqasijiet tal-proċedura l-oħra huma attribwibbli għar-rikorrenti anke jekk **indirettament** għaliex ġejjin min-naħa taċ-''ċirkostanzi'' li jaffliġġu kull proċess – f'dan il-każ konkret, huwa opportun li tingħata d-direttiva li se tissemma aktar 'l isfel, biex tiġi

assikurata ġustizzja sostanzjali sħiħa mingħajr l-iċken ombra – anke jekk artifiċjali u indebita – ta' inġustizzja minħabba l-proċedura'';

15. Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qed tirrevoka s-sentenza appellata, tibgħat l-atti tal-kawża biex quddiem l-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla, sabiex din, jekk fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata millum, l-appellanti jkunu ppreżentaw, ix-xhieda tagħhom, jew ta' min minnhom, permezz ta' affidavit ġuramentat quddiem wieħed mill-Assistenti Ġudizzjarji – dik il-Qorti, jekk ikun mitlub – tiffissa ġurnata jew ġranet, għall-kontro-eżami ''*viva-voce*'' ta' kull appellant li jkun ippreżenta affidavit u wara dan – tħalli l-kawża għas-sentenza, mingħajr ma tisma' provi oħra da parti ta' l-intimati, ħlief jekk u meta r-rikorrenti jipproduċu provi oħra biex jikkontrabattu l-provi ta' l-appellanti hekk prodotti;

Iż-żmien ta' ħmistax-il ġurnata huwa perentorju u **f'ebda każ** ma jista' jiġi estiż għaliex, kif qalu l-istess appellanti, ix-xiehda bl-affidavit ilha lesta u m'hemm ebda raġuni għaliex dak iż-żmien m'għandux issa jkun finali – ħlief għal dawk il-fatturi katastrofiċi li fuqhom il-bnedmin m'għandhomx kontroll;

L-ispejjeż ta' dan l-appell huma naturalment, xorta waħda a karigu ta' l-appellanti ħlief għal dawk tal-Kummissarju tal-Pulizija, li għandu jissaportihom huwa.